Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 367/2012

**Chislehurst International BV**

**vs**

**Kenneth sive Ken Mallia Milanes**
**(ID 279869 M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Ottubru 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' tmien t'elef, erbgha mija u tletin Euro (€8,430) rapprezentanti l-bilanc lilha dovut minn somma akbar minnu debitament accettat permezz ta' skrittura datata 16 ta' Gunju 2012.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax bil-wiehed fil-mija fix-xahar mis-7 ta’ Frar 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra w il-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar u fil-post tal-konvenut gewwa l-Qawra fl-14 ta’ Frar 2013, u dan  skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 14 ta’ Frar 2013 (fol 13 tergo).

Rat illi il-konvenut gie wkoll notifikat b’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-15 ta’ Marzu 2013 (fol. 10) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent fil-15 ta’ April 2013 (fol 17).

Illi fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 18).

Rat illi fis-seduti tal-31 ta’ Mejju 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien t’elef, erbgha mija u tletin Euro (€8,430), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba fl-avviz kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------